**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-KUMMERC)**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 19 ta' Gunju, 2018**

Numru 1

**Rikors Guramentat Nru. 340/2017**

**Wara l-atti tar-Rikors Numru 12/2015JZM**
**Suzanne Busuttil, u Brian Busuttil f'ismu proprju u**
**bhala Direttur f'isem u in rapprezentanza ta' Stealth Holdings Limited**
**vs**

**Francis Busuttil & Sons Limited,**
**B & S Contractors Limited,**
**Franco Busuttil,**
**Michael Busuttil,**
**Joseph Busuttil,**
**Christian Busuttil u**
**Jean Paul Busuttil,**
**ilkoll fil-kwalita taghhom kollha bhala diretturi f'isem**
**Francis Busuttil & Sons Limited u B & S Contractors Limited,**
**hlief Franco Busuttil li ma huwiex Direttur ta' B & S Contractors Limited u**
**Jean Paul Busuttil Ii ma huwiex direttur ta' Francis Busuttil & Sons Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-atturi tat-18 ta' April, 2017 li jghid hekk:

1. Illi din hija impunjazzjoni ta' u taIba ghal revoka contrario imperio ta' ordni tal-Prim Awla tal-Qorti Civili (l-ewwel Qorti) tat-30 ta' Marzu 2017 fir-Rikors fin-numru u l-ismijiet premessi, kopja tad-digriet esebita Dok. A. Kif deciz mill-Qorti taI-Appell fil-kawza Suzanne Busuttil et vs Francis Busuttil & Sons Limited et, Rikors 642/12 JZM, fil-kaz ta' Rikors a tenur taI-art. 402 tal-Companies Act, mhuwiex ammissibbli Appell peress illi si tratta ta' digriet u mhux sentenza. Il-procedura indikata ghal parti

aggravata hija talba ghal impunjazzjoni u revoka contrario imperio permezz ta' Rikors Guramentat fejn l-ezitu ikun sentenza, u minn liema sentenza hemm dritt ta' Appell normali lill-Qorti tal-Appell. L-esponenti qeghdin isegwu il-procedura indikata.

Recitazzjoni u ordni
2. Illi d-digriet impunjat beda bhala procedura taht l-art 402 tal-Companies Act fejn intalab rimedju mill-Qorti minhabba bejgh u trasferiment tal-assi u l-business ta' B & S Contractors Limited (B&S) lil Francis Busuttil & Sons Limited (FBS) Group skond il-presentation ta' PricewaterhouseCoopers (PWC). Ir-rimedju mitlub huwa illi l-Qorti tintervjeni biex izzomm milli jsir dan it-trasferiment u bejgh jew jekk sar/issir taghti ordni u provvediment billi thassar tali trasferiment u bejgh u izzomm milli jerga’ jsir dan it-trasferiment u bejgh. Illi fid-dawl li kien degretat minn din il-Qorti, is-sussidjarji ta' B&S u ta' FBS u d-Diretturi rispettivi, ma gewx inkluzi bhala partijiet interessati, minkejja li r-rikorrenti jemmnu li huma partijiet interessati, u bir-riserva li tintalab is-sejha taghhom fil-kawza jekk ikun il-kaz. Skond il-minuti tal-extraordinary general meeting tat-30 ta' Lulju 2014 tal-kumpanija B & S Contractors Limited, li l-esponenti ghandhom riservi fuqhom, gie deciz illi jinbieghu u jigu trasferiti l-assi u l-business ta' B&S lil FBS Group, skond il-presentation ta ' PWC li tinkludi ukoll l-istima ta' PWC. Id-decizjoni hija kontestata ghaliex fil-fehma tal-esponenti l-percentagg mehtieg biex tittiehed extraordinary resolution f’B&S ma ntlahqitx. L-istima ta' PWC kienet kontestata bil-qawwa kollha ghaliex fil-fehma tal-esponenti hemm nuqqas ta' riferenza ghal abuzi, frodi kbar u irregolarijatjiet ohrajn li allegatament saru u qed isiru, nuqqas ta' accountability, u nuqqas ta' kontroll intern u management effettiv. Hemm pero differenzi f’lis-statut ta' B&S u ta' FBS u differenzi fondamentali fid-dividend rights bejn l-azzjonisti ta' B&S u ta' FBS fis-sens illi l-esponenti jircievu dividend minghand B&S, izda rnhux minghand FBS ghaliex missier ir-rikorrenti kien zamm l-uzufrutt tal-azzjonijiet tieghu f’FBS. Jekk allura l-assi u l-business ta' B&S huma trasferiti lil FBS jew xi sussidjarja ta' FBS, jigifieri kollox jigi trasferit lil-FBS Group u B&S tispicca, l-esponenti ma jircevux aktar dividends minn B&S. L-esponenti ppromovew talba simili fil-25 ta' Lulju 2014 b’Rikors ghal interim order fl-atti tar-Rikors Numru 642/2012JZM, li gie konkluz b'digriet tal-11 ta' Novembru 2014. Il-Qorti qieset it-talba fil-kuntest tat-talba principali taghhom u irragunat illi ma kellhiex “prova sodisfacenti li turi li dak li riedu jiksbu r-rikorrenti bir-rikors taghhom tal-25 ta' Lulju 2014 jippregudika l-istanza principali taghhom". L-istess Qorti stqarret illi hija qieset it-talba bhala wahda ghal interim order fil-kuntest ta' talba principali ohra. L-intimati kollha permezz ta' Risposta prezentata fil-5 ta' Frar 2015, wiegbu illi l-ewwel u qabel kollox il-mertu tar-rikors promotur tal-procedura odjerna diga gie trattat u determinat definitivament minn dina l-Onorabbli Qorti permezz tad-decizjoni tal-11l ta' Novembru 2014 moghtija fir-rigward tar-rikors numru 642/2012/2JZM fl-ismijiet "Suzanne Busuttil et vs Francis Busuttil & Sons Limited et" - ne bis in idem. Illi l-fatti kif elenkati mir-rikorrenti fil-procedura odjerna huma ghal kollox il boghod mill-verita, u huma biss frott tal-immaginazzjoni fertili taghhom. Illi fi kwalunkwe kaz, anke jekk biss ghall-grazzja tal-argument, wiehed kellu jaqbel ma' dawn il-fatti, ic-cirkostanzi msemmija mir-rikorrenti l-istess ma jaghtux lok ghall-procedura odjerna.

3. Illi wara li semghat il-provi, l-ewwel Qorti ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet finali: 1. Il-Qorti mhi sodisfatta xejn illi r-rikorrenti ghamlu l-prova tal-ilmenti taghhom; 2. Tajjeb jinghad illi meta sar it-trasferiment de quo kien dikjarat u kien imhallas dividend a bazi ta' dak it-trasferiment (ara fol. 62); 3. Ir-rikorrenti accettaw il-pagament minghajr riserva; 4. Jekk sabu irregolaritajiet wara li hadu l-pagament,

kien messhom ikkawtelaw il-posizzjoni futura taghhom b'depozitu kif kontemplat mil-ligi; 4. Dan ma sarx u 5. Il-lanjanzi kollha li gabu r-rikorrenti huma respinti anke ghal azzjoni skont l-art. 402. Ghalhekk l-ewwel Qorti ipprovdiet bid-digriet taghha msemmi billi 1. astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eccezzjoni billi din kienet ritirata fil-mori tal-kawza; 2. laqghet l-eccezzjonijiet l-ohra 3. cahdet it-talbiet tar-rikorrenti; 4. ordnat lir-rikorrenti sabiex ihallsu l-ispejjez kollha ta' din il-kawza.

Premessi u motivazzjonijiet

4. Illi bhala linji generali tat-talba ghall-impunjazzjoni huma illi l-Qorti iffokat (i) fuq aspett parzjali u gieli marginali filwaqt illi njorat (ii) fatti centrali u fondamentali; (iii) li l-esponenti gew mcahhda prova essenzjali, domandi u xhieda, partikolarment fl-ahhar jumejn tal-proceduri fejn dawn inghalqu - l-esponenti inoltre ifakkru illi l-provi f'Rikorsi ohra 642/2012JZM, 802/2014JZM, u 833/2014JZM huma ukoll provi fl-Atti ta' dan ir-rikors u Rikors Guramentat. Dawn il-premessi u motivazzjonijiet tar-Rikors promotur ser juru ghaliex fil-fehma tal-esponenti, id-digriet ta' din il-Qorti impunjat, ghandu jigi revokat contrario imperio u jigu milqugha kif spjegati t-talbiet tar-rikorrenti fir-rikors originali promotur li ta bidu ghall-proceduri li wasslu ghad-digriet impunjat - l-esponenti ikkontendew illi t-trasferiment propost u li sar minkejja kollox kien ta' pregudizzju ghalihom kif spjegat fir-rikors promoter.

Inkonsistenzi fattwali

5. Illi s-sentenza impunjata tghid f'pagna 15 illi "din il-kawza giet istitwita wara illi n-negozju ta' B&S kien trasferit lis-socjeta Foster Clark Products Limited li hija kumpanija sussidjarja ta' FBS u wara illi l-assi immobbli ta' B&S kienu ttrasferiti lil Medina Food Manufacturing Company Limited, socjeta sussidjarja ohra ta' FBS (ara l-verbal li sar fl-udjenza tat-22 ta' Novembru 2016). It-trasferimenti kienu approvati minn 80% tal-azzjonisti ta' B&S fil-laqgha generali straordinarja ta' l-azzjonisti li saret fit-30 ta' Luiju 2014". L-esponenti hawnhekk jirravizaw dawn l-inkonsistenzi fattwali:

a) il-procedura impunjata bdiet u giet istitwita fis-7 ta' Jannar 2015;

b) in-negozju gie trasferit lil Foster Clark Products Limited (FCP) fis-27 ta' April 2015;

c) il-proprjeta immobbli f'Santa Venera u Qorrni gew trasferiti lil Medina Food Manufacturing Company Limited (Medina) fl-20 ta' Settembru 2016;

d) Huwa rilevanti illi meta r-risoluzzjoni tqieghdet ghall-vot, ma kien hemm ebda indikazzjoni dwar Medina, izda intqal FBS jew kumpanija separata jew special purpose vehicle, izda l-emfasi kien fuq FBS u l-implikazzjonijiet ta' kumpanija ohra ma gewx ikkunsidrati;

e) l-esponeneti ikkontestaw il-fatt tal-maggoranza ta' 80% - il-Qorti donnha irrikonoxxiet din il-lanjanza izda ma hadet ebda azzjoni jew provediment iehor: illi l-ewwel Qorti ma ppronunzjatx ruhha fuq dan il-punt u ma qalitx illi l-l-bejgh u t-trasferiment huma nulli.

Il-valutazzjonijiet

6. Illi l-ewwel Qorti filwaqt illi accettat il-valutazzjonijiet proposti, izda assolutament injorat u ma qesitx il-fatt illi, minhabba provi li ngabu f'din u fl-atti 642/12JZM, 833/2014JZM u 802/14JZM, i-audited financial statements u l-valutazzjoni ta' PWC ta' B&S, kienu totalment inattendibbli u konsegwentement ma setghet issir a bazi taghhom ebda valutazzjoni kredibbli. Dan ghal dawn ir-ragunijiet:

a) gie ammess quddiem il-Qorti mill-Uditur is-Sur John Zarb, konsulent u gia Partner fi PricewaterhouseCoopers (PWC), konfrontat ma' Bank Drafts gejjin minn flus siphoned out mill-kumpaniji, illi certi figuri fil-jinancial statements kienu "fittizji";

b) l-offerti stess ricevuti ghax-xiri ta' FCP kienu sinifikativament aktar gholja mill-valuri stmati minn PWC - u dan minkejja illi i-projections fil-valutazzjoni ta' PWC hadu f'konsiderazzjoni il-potenzjal ta' fabbriki godda - danjestedni ghall-valutazzjoni ta'B&S;
c) kollox jibda illi fi proceduri paralleli gie demostrat, perrnezz ta' Bank Drafts u fatturi ohrajn illi kienu jezistu frodi, abbuz u malgestjoni u kienu dawn il-fatturi illi qanqlu lill-esponenti biex jiccaqalqu; talbu inutilment kemm Iill-kumpanija, kif ukoll Iill-Qorti illi taghmel investigazzjoni indipendenti sabiex il-kontrolli, l-accountability, il-gestjoni u l-governanza jitjiebu u li jigu emendati l-accounts, il-financial statements u l-valutazzjonijiet; minn hawn allura jsegwi illi ma seta' qatt ikun illi l-presentazzjoni tal-figuri li ghamlet PWC u accettata mill-Qorti tkun attendibbli, ghas-semplici fatt illi l-premessa stess ma kenitx veritiera. Anqas ma kienet jew setghet tkun il-valutazzjoni ta' PWC indipendenti ghaliex bazata fuq figuri vizjati, ex admissis minnhom;
d) mitluba biex ix-xhieda jesebixxu l-valutazzjoni ta' FCP u informazzjoni rigward il-frodi u abbuz, il-Qorti ezentathom milli dawn jigu maghmula accessibbli;
e) l-ewwel Qorti irrimarkat illi r-rikorrenti naqsu milli jgibu prova u valutazzjoni huma indipendenti. Ir-risposta ta' din hija din, fid-dawl tal-inattendibilita tal-figuri u ta' informazzjoni mankanti, ma setghet qatt issir ghaliex iI-basis and source material, jigifieri l-infonnazzjoni u l-figuri li a bazi taghha isir l-valutazzjoni kien ex ipotesi vizzjat;
f) dan allura jiddimostra l-pregudizzju illi sofrew l-esponenti: il-Qorti ibbazat ruhha u sahansitra tat il-benedizzjoni taghha lill-figuri li, skond min ipproducihom stess, kienu fittizji - aktar u aktar meta gie ppruvat illi flus kienu gew siphoned out mill-kumpanija;
g) minkejja illi l-Perit Dr Edwin Mintoff iddefenda, kif kien wara kollox mistenni, l-istima ma hadetx in konsiderazzjoni la li permess ghal zvilupp kien ser johrog u lanqas l-awment regolari fil-valur tal-proprjeta. Dwar il-kumment tal-ewwel Qorti illi ma ngabitx valutazzjoni indipendenti, l-esponenti ma kellhom la access u lanqas informazzjoni;
h) irrizulta mix-xhieda illi zewg persuni biss, cioe Chris Degiorgio u Joseph Busuttil, impjegati ta' FCP - ix-xerrej, kienu konsultati waqt il-preparazjoni tal-valutazzjoni ta' PWC ta' B&S. Il-Bord ta' B&S ma giex ikkonsultat. Dan juri illi l-process ma sarx wiehed regolari, imma kjarament wiehed parzjali u fl-interess, kif ser jigi espost hawn taht, ta' numru zghir ta' azzjonisti;
i) l-ewwel Qorti injorat u ma tat ebda pronunzjament dwar il-posizzjoni u pretensjoni mehuda mir-rikorrenti illi l-ftehim bejn B&S u FCP kien interpretat hazin. Dan wassal ghal bejgh u profitti sostanzjali mhux registrati fil-kotba ta' B&S u valur sostanzjalment ridott fil-valur tal-brand Tiara u l-valur ta' B&S. Ir-rapprezentant tal-Kontrollur tal-Proprjeta Industrijali stqarr illi t-Tiara brand minn dejjem kien registrat f'isem B&S bhala l-proprjetarji tal-brand. L-esponenti jissottomettu illi l-Qorti messha dahlet fil-punt u indikat jekk l-interpetazzjoni kenitx fil-gudizzja taghha korrett.

It-Tiara brand u l-Foster Clark brand

7. Illi l-esponenti jikkontendu illi l-ewwel Qorti indirizzat bir-rispett malament il-problema. Ghal riferenza aktar facli, effett tal-fatt kompjut huwa illi z-zewg brands li huma fl-istess generu ta' prodotti tal-ikel u xorb, izda b'target klijents differenti, huma t-tnejn manifatturati minn FCP. Il-konsumatur illi jara price tag differenti ser jinduna illi kemm prodott kif ukoll iehor, b'varjazzjoni zghar fil-kwalita, gew it-tnejn prodotti mill-istess ditta. L-ewwel Qorti emmnet dak li qal John Zarb illi i-brands ser jigu managed fuq standards intemazzjonali. Dak pero mhux il-punt, ghaliex meta dan jigri f'kaz ta' ditti internazzjonali, dawn huma attenti illi jzommu l-brands distinti u seperati. Kif gie

demostrat quddiem l-ewwel Qorti, il-konsumatur illi jhares lejn iz-zewg brands facilment jinduna illi dawn huma prodotti quasi-identici manifatturati mill-istess kumpanija. L-ezempju huwa mehud mill-affidavit ta' Suzanne Busuttil stess: Unilever hija proprjetarja u tikkontrolla numru kbir ta' trademarks ta' prodotti simili li jikkompetu taht brands differenti fl-istess suq, bhal per ezempju Surf u Persil, illi huma t-tnejn washing detergents. Dawn mhumiex reklamati bhala "Surf produced by Persil" jew vice versa. L-izjed li forsi jista' jinstab huwa fuq il-packaging jew fir-reklamar taghhom huwa caption zghira hafna li tghid "another product from Unilever" jew simplicement logo zghira ta' Unilever isfel mal-gemb jew fuq il-label ta' wara.

8. Illi l-lanjanza fuq id-digriet hija li l-ewwel Qorti bir-rispett assolutament ma tat ebda piz lil dan il-fatt, illi allura dan it-trasferiment tan-negozju kien ta' pregudizzju ghall-interess u l-valur azzjonarju ta' l-esponenti u illi juri l-mod kif informazzjoni inkompleta u inattendibbli ingiebet a konjizzjoni tal-Qorti.

Kontroll ta' poter minn numru zghir ta' individwi

9. Illi l-kuntest u lanjanza importanti hafna hija illi t-trasferiment u bejh ghandha l-effett illi tikkonsolida l-poter f'idejn id-diretturi tal-FBS group. Bhala fatt u jirrizulta, l-esponenti ghandhom Direttur nominat u appuntat fuq B&S, izda attwalment illum mhux fuq FBS u lanqas fuq is-sussidjari taghha. Kif spjegat Foster Clark Products Limited u Medina huma sussidjarji ta' FBS - bil-konsegwenza illi l-esponenti rizultat ta' din l-operazzjoni gew imcahhda minn rapprezentanza fuq il-Bord illi kellhom meta n-negozju u l-assi gew gestiti f'B&S. L-ewwel Qorti accennat ghal dan il-pregudizzju meta f'pagna 17 irreferiet ghall-kaz Ingliz In Re Bovey Hotel Ventures Ltd, izda ma tat ebda rimedju. Hawnhekk wiehed irid isemmi proceduri paralleli jew konnessi, l-esponenti qed tikkontesta t-tnehhija taghha minn Direttur ta' FBS, u allura l-pregudizzju huwa manifest;

10. Illi l-esponenti sofrew ukoll pregudizzju ghaliex qabel kienu intitolati ghal dividends minn B&S. Kif spjegat fil-provi, peress illi l-usufrutt ta' l-azzjonijiet ta' FBS inzamm minn missierhom Anthony Busuttil, dawn sofrew pregudizzju. Veru illi l-profit baqa' fil-familja, izda l-effett tal-manuvra kien illi jizolahhom; difficli wiehed jifhem il-kumment tal-Qorti illi ma tistax toqghod fuq prova, izda fuq bazi ragonevoli ta' probabilita - bhala principju legali probatorju mhux qed jigi diskuss, izda l-esponenti jidhrilhom illi l-fatti kif gew demostrati ampjament imorru ghac-certezza tal-pregudizzju u mhux semplicement ghal bazi ragonevoli ta' probabilita - xi pregudizzju ulterjuri wiehed irid juri, oltre t-telf ta' Direttur uta' dividends. Wiehed irid jara ukoll din l-ottika fid-dawl tar-rimossa minn Direttur u l-ispostament tal-assi u business minn socjeta' fejn l-esponenti ghandhom rapprezentanza fil-Bord ghal wahda u grupp fejn ma ghandhomx, anzi kienu fil-Bord u tnehhew.

11. Illi l-ewwel Qorti, erronjament bir-rispett fil-fehma tal-esponenti, ippruvat timmolifika is-sitwazzjoni, billi rriferiet ghad-differenzi bejn l-M&A ta' FBS u B&S, fosthom id-dritt ta' diretturi u intitolament ghad-dividendi. Inesplikabilment, l-ewwel Qorti qalet illi d-differenzi bejn iz-zewg statuti hija irrelevanti. Apparti li ma gabet ebda spjegazzjoni jew gustifikazzjoni ta' dan il-kumment, din il-konkluzjoni hija fil-fehma tal-esponeni manifestament erronja - fil-kaz ta' B&S hemm dritt ta' Direttur u dividendi, fil-kaz ta' FBS, l-esponenti gew imnehhija mir-rapprezentanza u ma jehdux dividend. Dan huwa l-pregudizzju manifest u reali.

Irregolarita fl-Extraordinary General Meeting (EGM) li approvat ir-rizoluzzjoniji de quo
12. Illi l-esponenti wrew ir-ragunijiet taghhom fil-provi ghaliex ir-rizoluzzjoni ma kenitx regolari: principalment ghaliex il-voti tal-wirt ta' Charles Busuttil ma kenux ghandhom assenjati minhabba xi differenzi fil-wirt: dawn kienu (i) l-ewwel illi t-trasmissjoni causa mortis tas-shares ma kenitx ghadha saret u registrata fid-data tal-EGM u t-tieni (ii) l-interess ta' Wendy Busuttil il-mara ta' Charles Busuttil. Jitfakkar illi l-Qorti ma thallitx li Wendy Busuttil tigi prodotta tixhed. Eredita ma ghandhiex vot, izda jidher illi ivvutat u din kienet maghduda biex tilhaq il-maggoranza rikjesta ta' 70% rikjesta bl-istatut. Il-Qorti irriteniet illi "Jista' jkun illi meta ttiehed il-vot, is-sitwazzjoni kienet irregolari." Izda ma ghamlet xejn izjed. Jekk kien hemrn xi dubju li l-vot kien irregolari, ghaliex dan ma investigatux iI-Qorti? Ghaliex meia isiru l-azzjoni taht l-art 402? Faccjata b'din il-lanjanza, il-Qorti messha investigat iI-punt u hadet il-misuri opportuni jekk ikun il-kaz. Kif tista' Qorti, fid-dawl ta' anke dubju minnha koncess u espress minnha tinjorah, qisu mhux hemm? Irrizulta illi s-shares ma kenux registrati f'isem il-partijiet li vvutaw u ghalhekk il-vot taghhom ma setax jitqies. L-ewwel Qorti bir-rispett messha interveniet u messha ezaminat bis-serjeta l-lanjanza u imbaghad b'kuntest u livelli in kwistjoni. Ma setghetx semplicement tevadi jew tinjara l-punt meta kien formalment quddiemha. Il-Qorti irrimarkat illi ma saritx azzjoni ad hoc u illi "azzjoni ta' din ix-xorta ghandha l-parametri taghha u mhijiex wiesgha daqstant biex tigma' pretensjoni bhal dik tar-rikorrenti." Bl-akbar rispett, tliet punti hawnhekk: l-ewwell-artikolu 402 ma jimponi ebda limitazzjoni kif suggerit mill-Qorti, it-tieni l-esponenti ma humiex ragonevolment tenuti illi jipproliferaw l-azzjonijiet b'azzjoni a tenur tal-art. 402 u azzjoni ad hoc u l-ispejjez relatati, u t-tielet huma talbu interim orders, izda I-Qorti fejn dehrilha qalet illi ma tridx tiddisturba l-istatus quo u fejn dehrilha imbaghad ma intervenietx. Wahedha l-mistoqsija - mela ghaliex I-art. 402? X'inhu is-sens u l-iskop taghha?

Lanjanzi ohrajn
l3. Illi l-esponenti jirreferu ghall-anjanzi ohrajn bhal per ezempju Ii ma thallewx igibu provi Ii huma rilevanti - ma thallietx tingieb Wendy Busuttil xhud importanti u rilevanti ai fini tal-vot u l-validita tad-delibera; illi domandi importanti kienu ripetutament disallowed u mhux ammessi; u Ii dokumenti mitluba mix-xhieda ma gewx ammessi bhall-valutazzjoni ta' PWC ta' FCP, zgur Ii rilevanti biex wiehed jqis ir-ragonevolezza tal-prezz tal-bejgh. Kumment iehor tal-Qorti lanjat huwa "Jekk sabu irregolaritajiet wara Ii hadu l-pagament, kien messhom ikkawtelaw il-posizzjoni futura taghhom b'depozitu kif kontemplat mil-ligi." Hawn difficilment wiehed isegwi r-ragunament tal-Qorti Ii l-esponenti jiddepositaw id-dividendi I-Qorti. Ma tantx, bl-akbar rispett, hija posizzjoni thares lejn ir-realta tas-sitwazzjoni.

Kritika tar-response tal-Qorti
14. Illi l-art. 402 huwa intiz, u ghalhekk il-Qorti ghandha poteri wiesgha u diskrezzjonali, biex il-Qorti tkun tista' tintervjeni u rnhux tevita l-punti sollevati. L-esponenti kienu jistennew risposta u reazzjoni ferm aktar robusta u immaginativa mill-Qorti. Ibda biex, il-Qorti spezzettat l-issues u ma irrexxiliex thares lejn kwadru wiehed u hoIistiku illi hemm numru zghir ta' nies illi qeghdin iwarrbu Iill-azzjonisti l-ohrajn. Din kienet manuvra klassika, Ii I-Qorti ma jidhirx illi apprezzatha - assi u negozju gie transferit minn kumpanija fejn l-esponenti ghandhom vuci bhall-ohrajn ghal kumpanija fejn hija kontrollata minn numru zghir ta' Diretturi - ghalkemm fis-sostanza l-istess beneficial owners il-hames legacy families - u fejn l-esponenti tnehhitilhom ir-rapprezentanza.

15. Illi l-esponenti f'din it-talba ghal revoka contrario imperio tad-digiet ta' din il-Qorti diversament presjeduta isostnu illi l-manuvra saret bi pregudizzju li gie spjegat - hemm fatturi ohra rilevanti, unreliable financial statements ex admissis; il-pregudizzju soffert mill-esponenti gie dimostrat u l-manuvra mikxufa, izda l-intimati lanqas ma iddemostraw xi raguni legittima jew proper business purpose. Ma wrewx illi ser ikun hemm xi gwadann jew vantagg ghall-kumpanija. L-ewwel Qorti ghazlet li temmen lil John Zarb minghajr ma gharblet dak li qal jew dahlet aktar fil-fond, tenut kont il-fattur illi l-konsulenti kienu f'diffikulta li juru indipendenza mill-klijenti taghhom f'disputa bejn is-shareholders.

16. Illi l-esponenti ghalhekk jitolbu lil din il-Qorti li tezamina lanjanza lanjanza tqieghed kollox fil-kuntest u fid-dawl ta' litigazzjoni parallela kemm quddiem il-Qorti ta' l-Appell kif ukoll quddiem din il-Qorti; minn talba ghal intervent tal-Qorti ghall-governanza u accountability ahjar, l-ewwel Qorti spiccat biex tat il-benedizzjoni u barka taghha ghal manuvri li huma ta' pregudizzju ingust u diskriminatorju ghall-esponenti, u xi whud minnhom irregolari u potenzjalment illegali (bhal frodi ta' ammonti siphoned off, spejjez personali mhallsa mill-kumpaniji u uzu ta' assi tal-kumpaniji ghal uzu personali).

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett lill l-Onorabbli Qorti joghogbha 1. thassar tannulla u tirrevoka contrario imperio id-digriet tal-Prim Awla tal-Qorti Civili diversament presjeduta moghti fit-30 ta' Marzu 2017 bil-miftuh waqt udjenza pubblika fin-numru u fl-ismijiet Rikors Numru 12/15JZM fl-ismijiet "Suzanne Busuttil, karta tal-identita numru 19076(M) u Brian Busuttil, karta tal-identita numru 525373(M) f'ismu proprju u bhala Direttur f'isem u in rapprezentaza ta' Stealth Holdings Limited C26763 vs 1) Francis Busuttil & Sons Limited, C 334, 2) B & S Contractors Limited, C552, 3) Franco Busuttil ID 11461(M), 4) Michael Busuttil ID 51261(M), 5) Joseph Busuttil ID 90968(M), 6) Christian Busuttil ID 199278(M) u 7) Jean Paul Busuttil ID 102172(M), ilkoll fil-kwalita taghhom kollha bhala diretturi f'isem Francis Busuttil & Sons Limited u B & S Contractors Limited, hlief Franco Busuttil li ma huwiex Direttur ta' B & S Contractors Limited u Jean Paul Busuttil li ma huwiex direttur ta' Francis Busuttil & Sons Limited" u 2. thassar dawk l-ordnijiet kollha ancillari jew interlokutorji waqt is-smigh, fejn l-esponenti gew prekluzi milli jresqu prova jew jaghmlu domanda jew jitolbu dokumenti u tippennettihom, u praevia li tichad l-eccezzjonijiet u r-risposti tal-intimati, tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif proposti fir-rikors promotur originali, inkluza f'din it-talba kull rimedju jew ordni fit-termini tal-fakolta' u l-poteri wiesgha li ghandha l-Qorti li taghti rimedju taht dawk il-provedimenti li jidhrulha xierqa fil-kuntest ta' talba a tenur tal-art. 402 tal-Companies Act.

Rat ir-risposta guramentata ta' Franco Busuttil li tghid hekk:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

2. Illi ex admissis l-atturi qed jintavolaw dina l-kawza konxji tal-fatt li ma kellhomx dritt ta' appell mid-decizjoni moghtija minn dina l-Qorti fit-30 ta' Marzu 2017 essendo kawza intavolata a tenur tal-artikolu 402 tal-Kap. 386 u ghalhekk intavolaw dina l-kawza fejn qed jitolbu li dina l-Onorabbli Qorti tirrevoka conirario imperio d-decizjoni in kwistjoni bl-isperanza li tinghata sentenza minn dina l-Onorabbli Qorti f'dawn il-

proceduri u eventwalment jista' jigi intavolat appell mill-istess quddiem il-Qorti tal-Appell. Kif jidher mir-rikors promotur l-atturi qed jergghu javvanzaw id-diversi lanjanzi taghhom bhala kawzali f'din l-kawza bhala bazi ghat-talba taghhom izda huwa umilment sottomess illi dan ma ghandux jigi permess ghaliex ir-rimedju invokat mill-atturi ma jippermettix li jerga' jinstema l-mertu mill-gdid u li l-Qorti jista' jkollha s-setgha li tezamina mill-gdid il-mertu gia deciz bis-sahha tad-decizjoni moghtija fit-30 ta' Marzu 2017.

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, jigi eccepit illi d-decizjoni moghtija minn dina l-Qorti fil-kawza fl-istess ismijiet (Rikors Numru 12/2015JZM) fit-30 ta' Marzu 2017 hija finali billi skont il-ligi ma hemmx dritt ta' appell mid-decizjoni in kwistjoni u kwindi qed jigi eccepit li l-istess decizjoni tikkostitwixxi res judicata.

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, jigi eccepit illi d-decizjoni moghtija fit-30 ta' Marzu 2017 kienet wahda gusta li timmerita li tigi konfermata billi l-lanjanzi tal-atturi huma fattwalment infondati u legalment insostenibbli u dan ghall-istess ragunijiet avvanzati fl-istess proceduri u dawk il-konsiderazzjonijiet decizi minn dina l-Qorti bis-sahha tal-imsemmija decizjoni tat-30 ta' Marzu 2017.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessi bil-ligi.

Rat ir-risposta guramentata ta' Francis Busuttil & Sons Limited, B&S Contractors Limited, Michael, Joseph u Christian ilkoll Busuttil li tghid hekk:

Preliminarjament
1. Illi preliminarjament dan ir-rikors huwa irritu u null ghaliex ir-rikorrenti qed jappellaw minn provvediment tal-Qorti fi procedura specjali li hija intiza bhala decizjoni finali u ghalhekk il-ligi ma tippermettix li jerga' jinstema l-mertu mill-gdid. Dan qed jinghad ghaliex ir-rikors, kif qed jintqal mir-rikorrenti stess, huwa intenzjonat li jservi bhala talba ghal revoka contrario imperio ta' provvediment tal-Prim Awla tal-Qorti Civili datat 30 ta' Marzu 2017 moghti fir-rikors bin-numru 12/15/JZM fl-ismijiet premessi. Ir-rikors bin-numru 12/15/JZM kien propju jitratta procedura maghmula taht l-artikolu 402 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant mhemmx dritt ta' appell mill-provvedimenti moghti mill-Qorti u r-rikorrenti huma ben konsapevoli ta' dan il-fatt.

2. Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit qed jigi premess illi l-provvedimenti moghti, minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta, fit-30 ta' Marzu 2017 tikkostitwixxi res judicata ghaliex mhemmx dritt ta' appell minn tali provvediment skond il-ligi.

3. Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda ghaliex ir-rikorrenti ma gabu ebda raguni valida fil-ligi biex jiggustifikaw it-talbiet taghhom fir-rikors in risposta. L-unika raguni esposta mir-rikorrenti hija biss il-fatt li mhumiex kuntenti bil-provvediment moghti fit-30 ta' Marzu 2017 u xejn izjed.

4. Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit ikun appozitu ghall-ekonomija tal-gudizzju illi jigu allegati l-atti tal-kawzi numru 12/15JZM,

642/2012/JZM, 802/2014/JZM u 833/2014/JZM u dan sabiex il-provi li diga kienu meqjusin bhala rilevanti sabiex jinghata l-provvediment datat 30 ta' Marzu 2017 ma jergghu jigu duplikati hawnhekk.

Fil-mertu
5. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghar-ragunijiet avvanzati mill-esponenti fl-istess proceduri tar-rikors numru 12/15/JZM. Ghaldaqstant ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

6. Illi bhala sfond ghandu jinghad li l-azzjonisti ta' Francis Busuttil & Sons Limited u ta' B&S Contractors Limited huma l-istess persuni u f'kull kumpanija kull familja ghandha 20% tal-ishma.

7. Illi n-negozju ta' B&S kien trasferit lis-socjeta Foster Clark Products Limited li hija kumpanija sussidjarja ta' Francis Busuttil & Sons (FBS) skond stima maghmula minn PricewaterhouseCoopers waqt li t-trasferiment tal-proprjeta mmobbu sar a bazi tal-oghla stima maghmula mill-periti Dr Edwin Mintoff u Mr Paul Camilleri.

8. Illi dawn it-trasferimenti kienu approvati minn tmenin fil-mija (80%) tal-azzjonisti ta' B&S f'laqgha generali straordinarja tal-azzjonisti. Erba' diretturi minn hamsa ta' B&S ukoll approvaw it-trasferiment fil-laqgha tal-bord u sahansitra inizjalment anke r-rikorrenti kienu accettaw u qablu ma l-istess trasferiment.

9. Illi fir-rigward tat-trade mark "Tiara" din giet trasferita mis-socjeta B&S Contractors Limited lis-socjeta Foster Clark Products Limited (f'liema socjeta r-rikorrenti mhumiex azzjonisti direttament) u dan sar skond ir-rapport u stima ta' PricewaterhouseCoopers.

10. Illi f'din it-transazzjoni l-azzjonisti kollha ta' B&S Contractors gew trattati bl-istess mod u ircevew valur skond l-ishma taghhom minghajr ebda diskriminazzjoni/jew xi forma ta' pregudizzju. Di piu r-rikorrenti accettaw sehemhom minghajr ebda rizerva.

11. Illi kontrarjament ghal dak allegat mir-rikorrenti, il-valutazzjoni ta' PricewaterhouseCoopers hija korretta.

12. Illi t-trasferiment propost tat-Trade Mark "Tiara" favur Foster Clark Products Limited huwa ta' gid, anzi necessarju u fl-interess tal-azzjonisti kollha, kemm ta; FBS kif ukoll ta' B&S, fosthom ir-rikorrenti.

13. IIli r-rikorrenti ma gabu ebda prova la fil-kawza 12/15/JZM u lanqas f'din l-istanza prima facie illi f'dan kollu huma gew diskriminati jew sofre xi preguddizzju jew anke li s-socjeta B&S Contractors ser isofri xi pregudizzju.

14. Illi ghaldaqstant dan kollu juri illi t-talbiet tar-rikorrenti huma biss frivoli u vessatorji.

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha u ghal dawk ir-ragunijiet li ser jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, it-talbiet kollha tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Rat ir-risposta guramentata ta' Jean Paul Busuttil direttur ta' B&S Contractors Limited li tghid hekk:

1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bhala infondata fil-fatt u fid-dritt u d-decizjonijiet Ii tat dil-Qorti diversement preseduta fil-kawza bin-numru 12/15JZM fl-ismijiet hawn fuq imsemmija, ma ghandhomx jigu disturbati fil-konfront tal-eccipjent.

2. Illi l-eccipjent kien direttur tal-kumpannija B&S Contractors Limited, u dejjem agixxa b'mod korrett, ragonevoli, u skond il-ligi fl-interess tal-istess kumpannija, u kwindi ma hemm xejn Ii ghandu jigi sanzjonat il-konfront tal-agir tieghu, kif ser jigi ppruvat f'aktar dettal waqt is-smigh tal-kawza.

3. Illi b'hekk it-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri

Rat l-atti u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq it-tieni u t-tielet eccezzjoni ta' Francis Busuttil & Sons Limited u l-ewwel erba eccezzjonijiet tal-konvenuti l-ohra hlief Jean Paul Busuttil.

**Ikkunsidrat**

Dawn l-eccezzjonijiet fil-qosor huma:

1. Li r-rikors ma hux permissibbli ghax ma hemmx dritt ta' appell u dak li qed jaghmlu l-atturi hu li jergghu jsostnu l-mertu tar-rikors a bazi tal-artikolu 402 u jitolbu lil Qorti terga' tikkunsidra l-mertu mill-gdid meta dan mhux permess;

2. Il-provvediment tal-Qorti tat-30 ta' Marzu 2017 hu finali u ma hemmx dritt ta' appell kwindi qed jigi eccepiet li l-provediment hu res judicata;

3. L-atturi ma gabu ebda raguni valida biex jiggustifikaw it-talbiet taghhom fil-proceduri odjerni u ghalhekk it-talbet kienu fattwalment ingustifikati;

4. Li jigu allegati l-atti tal-kawzi 12/2015, 642/2012, 833/2014. Din it-talba giet milqugha bid-digriet tal-4 ta' Lulju 2017 u ghalhekk din il-Qorti ma ghandhiex aktar tiehu konjizzjoni taghha.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Qabel xejn il-Qorti ser taghmel accenn fil-qosor ghal dak li wassal ghal din il-kawza. L-atturi odjerni kienu resqu rikors ai termini tal-artikolu 402 tal-Kap. 386 billi gie

allegat illi t-trasferiment tal-assi u n-negozju ta' B&S Contractors Limited lil Francis Busuttil & Sons Limited kienet lesiva ghad-drittijiet taghhom ghal diversi ragunijiet kollha elenkati fir-rikors. B'digriet jew provvediment tal-Qorti tat-30 ta' Marzu 2017, il-Qorti cahdet it-talba taghhom.

Il-kawza odjerna qed issir biex l-atturi jimpunjaw dak id-digriet. Kif gustament rilevat fil-preambolu ghar-rikors guramentat, l-atturi jissottometti illi kif gie deciz fil-process 642/2012 fl-ismijiet Suzanne Busuttil et u Francis Busuttil & Sons Limited et, mhux ammissibbli appell minn provvediment taht l-artikolu 402 tal-Kap. 386 izda jista' jigi revokat biss bi proceduri appositi mehuda in kontradittorju fil-Qorti li tkun mitluba li tirrevoka dak id-digriet u minn tali decizjoni jkun hemm dritt ta' appell lil Qorti tal-Appell.

Dan iwassal ghal kunsiderazzjoni legali dwar in-natura tal-azzjoni odjerna. Kif intqal fis-sentenza fuq riferita ma hemmx dritt ta' appell minn provvediment tal-Qorti dwar l-artikolu 402 tal-Kap. 386. Dan ifisser illi l-provvediment fil-mertu tieghu ghandu jitqies finali. Il-kontradittorju mhuwiex intiz biex jerga jinfetah il-mertu mill-gdid qisha l-procedura u l-provvediment taht l-artikolu 402 ma kellha ebda valur. Il-kontradittorju biex jigi revokat provvediment irid jigi inkwadrat fil-poter residwali moghti lil-Qrati Ordinarji biex jissindakaw operat jew gudizzju ta' Qorti jew Tribunal u dan peress illi appell minn provvediment bhal dan in kwistjoni hu eskluz. Din il-procedura mhix estensjoni tal-proceduri tal-ewwel Qorti izda procedura ad hoc biex jigi assikurat li parti ma tkunx sofriet pregudizzju. Din il-gurisdizzjoni residwali, skond il-gurisprudenza tal-Qorti f'diversi sentenzi fi proceduri anki naxxenti minn decizjonijiet ta' Tribunali hi intiza biex tissana:

a. nuqqas ta' tharis tal-principji ta' gustizja naturali;

b. ksur ta' xi dispozizzjonii tal-ligi fl-ghoti tad-decizjoni;

c. fejn il-gudikant agixxa ultra jew extra petita.

Ara f'dan is-sens **Avukat Generali et vs Nicoli Magrin et**, App 24/11/2017; **Avukat Generlai vs Kap tas-Servizzi tas-Sigurta et**, App 07/05/2010; **Anthony Gatt vs Direttur tas-Sigurta Socjali**, App Inf 13/01/2004).

Stabbilit il-parametri sa fejn din il-Qorti tista' tissandaka talba biex jigi revokat digriet trid l-ewwel jigu kunsidrati l-eccezzjonijiet.

Il-konvenuti qed isostnu illi josta ghat-talbiet attrici ir-res judicata. Din il-Qorti issib tali eccezzjoni infondata. Kif gia gie rilevat aktar il-fuq din il-kawza fil-principju hi talba ghal revoka ta' provvediment li l-Qorti tal-Appell qieset bhala l-procedura idonea fic-cirkostanzi u mhix kawza ohra bejn l-istess partijiet bl-istess eadem res u eadem causa petendi. Il-parametri ta' din l-azzjoni huma ben differenti u mhux intizi biex jerghu jifthu mill-gdid l-istess mertu bejn il-partijiet izda biex jissanaw irregolarita jew ingustizzja legali. Ghalhekk ma hemm ebda kwistjoni ta' res judicata f'dawn il-proceduri u lanqas jista' jkun hemm, kif lanqas jista jinghad li l-procedura wzata mill-atturi hi irrita u nulla.

B'eccezzjoni ohra moghtija mill-konvenuti qed isostnu illi l-provvediment tat-30 ta' Marzu 2017 hu finali u l-atturi ma jistghux jergghu jqajmu l-mertu mill-gdid ghax dan mhux permess f'revoka ta' provvediment. Il-konvenuti fis-sottomissjonijiet taghhom jillimitaw din l-eccezzjoni ghall-intendiment tal-legislatur billi la darba l-ligi tipprovdi ghal provvediment finali bla appell, mhux lecitu ghal atturi li jergghu jqajmu l-mertu mill-gdid. Il-Qorti gia qieset illi l-azzjoni odjerna hi sui generis u kull revoka tista' titqies biss in linea mal-gurisdizzjoni residwali tal-Qrati taghna li jissanaw ingustizzja li tigi pruvata fil-parametri tal-principji msemmija fil-bidu ta' din is-sentenza.

Il-Qorti ghalhekk trid tqis jekk l-atturi fil-fatt ressqux talbiet li jinkwadraw ruhhom fil-parametri msemmija minn din il-Qorti f'kawzi ta' din in-natura. L-atturi jibdew billi f'termini generali jibbazaw it-talba ta' impunjazzjoni fuq tlett binarji, l-ewwel tnejn li l-Qorti injorat fatti centrali u fondamentali filwaqt li qieset fatti parzjali u gieli marginali, u fit-tielet lok li l-atturi gew michuda provi essenzjali, domandi u xhieda fl-ahhar jumejn tal-proceduri fejn dawn inghalqu.

L-atturi jsostnu li l-Qorti bdiet fuq premessa zbaljata li l-kawza giet istitwita wara li n-negozju mertu tal-proceduri taht l-artikolu 402 tal-Kap. 386 kien gie trasferit. Imbaghad ikomplu billi jergghu jattakkaw il-valutazzjonijiet li ngiebu bhala provi u kif il-Qorti accettathom meta kien hemm allegazzjoni cara ta' frodi, abbuz u malgestjoni.

Di piu saru provi dwar l-irregolarita tal-laqgha li biha ghaddiet il-proposta tal-bejgh u l-pretensjonijiet maghmula mill-atturi dwar il-valur tal-'brands' tal-istess kumpanija li taghha kien ser isir il-bejgh ta' kull ma kellha qua negozju u patrimonju u fejn il-Qorti ma tatx id-debitu piz ghal provi u allegazzjonijiet u naqset milli tikkonsidrahom billi l-Qorti qieset, fil-fehma tal-atturi erronjament, li l-azzjoni taht l-artikolu 402 kellha xi limitazzjoni. Bl-istess mod il-Qorti accennat ghal pregudizzju soffert mill-atturi billi ma ghandhomx ir-rapprezentanza qua ufficjali tal-kumpanija li ser jixtru l-kumpanija li fiha l-atturi kellhom rapprezentanza qua ufficjali izda ma ipprovdiet ebda rimedju. L-istess jinghad dwar id-dividends li l-atturi kienu jiehdu meta inbieghet il-kumpanija mertu tal-proceduri taht l-artikolu 402 tal-Kap. 386. L-atturi wkoll ilmentaw mir-rifjut tal-Qorti li tippermetti l-produzzjoni ta' certi xhieda jew li jithallew jitressqu provi, fil-fehma tal-atturi, pertinenti ghal kaz.

Wara li l-Qorti qieset dawn l-allegazzjonijiet, issib illi dak li jsostnu l-atturi hu illi l-Qorti ma iddecidietx sew ghax kienet ta' fehma differenti minn dak lli riedu l-atturi. Jekk taghsar l-allegazzjonijet tal-atturi f'din il-kawza din il-Qorti tqis illi dak li qed jippruvaw jaghmlu l-atturi hu talba ghal riapprezzament mil-gdid tal-fatti bl-isperanza li din il-Qorti tasal ghal konkluzjoni differenti. Fil-fehma tal-Qorti ma ngiebet ebda prova ta' ksur ta' principji ta' gustizzja naturali f'dak li hu audi alteram partem, nemo iudex in causa propria u nuqqas ta' motivazzjoni ta' decizjoni. Mill-atti jidher li l-Qorti tat l-opportunita lil partijiet isemmghu lehinhom u l-fatt li l-Qorti cahdet xi talbiet tal-atturi biex iressqu xi prova jew issir xi domanda ma jfissirx li l-atturi ma kellhomx opportunita jinstemghu izda li l-Qorti fil-fehma taghha dehrilha, kif ghandha kull dritt, tqis dak li hu ammissibbli jew mhux, f'rikors ai termini tal-artikolu 402. Kull ilment tal-atturi gie indirizzat mill-Qorti u jekk l-atturi ma qablux mal-konkluzjoni raggunta mill-Qorti ma jfissirx li kien hemm nuqqas ta' motivazzjoni izda biss nuqqas ta' qbil fuq tali motivazzjoni. L-istess jinghad ghal ksur ta' xi dispozizzjoni tal-ligi li biha inghata l-provvediment billi dak li qed jilmentaw minnu l-atturi mhux dwar l-applikazzjoni hazina ta' dispozizzjoni ta' ligi izda l-interpretazzjoni li nghatat mill-Qorti ghall-fatti kif riflessi f'dak li jrid u jippermetti l-artikolu 402. Bl-istess mod ma jistax jinghad li fil-provvediment moghti inghata aktar jew oltre  dak miltub ghax il-Qorti cahdet it-talba tal-atturi ghax fil-fehma taghha l-fatti ma kienux iwasslu lil Qorti biex tqis li l-atturi

kienu jehtiegu l-protezzjoni moghti bl-artikolu 402 kif interpretat mill-istess gurisprudenza u awturi awtorevoli.

Ghalhekk il-Qorti tqis illi din l-eccezzjoni tal-konvenuti hi ben fondata u toqtol l-azzjoni attrici, billi ma giet allegata ebda raguni skond il-ligi u l-gurisprudenza ghaliex il-provvediment tat-30 ta' Marzu 2017 ghandu jigi mwarrab.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qed tilqa' t-tieni eccezzjoni ta' Franco Busuttil u l-ewwel eccezzjoni ta' Francis Busuttil & Sons Limited fis-sens illi r-ragunijiet li waslu ghat-talbiet attrici kif maghmula mhux legalment sostenibbli fl-isfond ta' talba ghal revoka minn provvediment taht l-artikolu 402 tal-Kap. 386 billi l-atturi qed jitolbu biss indagini mill-gdid tal-mertu tal-provvediment moghti fit-30 ta' Marzu 2017 li mhux permess f'dan il-kaz. Spejjez ghall-atturi.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur